UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI KURJA VESKOVILI TA' GĦAWDEX
Stqarrija għall-Istampa [ST/06/2022]
16 ta' Awwissu 2022

NOMINI ĠODDA FID-DJOĊESI TA' GĦAWDEX

Bl-għan li l-Poplu ta' Alla miġbur fid-Djoċesi ta' Għawdex jiġi megħjun bl-aħjar mod fil-mixja Nisranija tiegħu, skont il-bżonnijiet u l-esiġenzi attwali, qed jiġu mħabbra dawn in-nomini ġodda marbuta ma' diversi ministeri fil-ħajja tal-Knisja f'Għawdex.

Komunità parrokkjali ser ikollha Raġħaj ġdid fil-bidu tas-Sena Pastorali 2022-2023:
- il-**Kan. Anthony Bajada** (mix-Xagħra) – *Kappillan* tal-Parroċċa ta' San Lawrenz, San Lawrenz.

Saċerdoti oħra li ser ikunu qed jagħtu l-għajnuna tagħhom f'xi Parroċċi flimkien ma' ħidmiet oħra, huma:
- **Dun Roberto Gauci** (minn Ta' Kerċem) – *Kollaboratur* fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu, limiti tal-Għarb;
- **Dun Frankie Mallia** (miż-Żebbuġ) **–** *Kollaboratur* fir-Rettorija ta' San Pawl Nawfragu, f'Marsalforn;
- **Mons. Joseph Zammit** (minn San Ġorġ, il-Belt Victoria) – *Kollaboratur* fil-Parroċċa ta' San Lawrenz, San Lawrenz.

Fil-ħidma pastorali bħala *Diretturi Spiritwali* fl-iskejjel:
- **Dun Joseph Mercieca** (minn San Ġorġ, il-Belt Victoria) – f'Sir Michelangelo Refalo School for Further Studies (6th Form), il-Belt Victoria.

Ħidmiet ġodda oħra fuq livell Djoċesan:
- il-**Kan. Noel Saliba** (miż-Żebbuġ), bħala *Kordinatur* tal-Gruppi Etniċi fid-Djoċesi u l-Pastorali mal-barranin fostna, kif ukoll *Kordinatur* fl-Istitut għall-Ministeru Pastorali (IPM); u
- **Dun Charles Sultana** (mix-Xagħra), bħala *Kap tal-Iskola* tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù, fejn beda l-ħidma tiegħu fil-ġimgħat li għaddew.

Dawn il-ministeri ġodda fid-Djoċesi ta' Għawdex jidħlu fis-seħħ **nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022**, Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes. Huwa fid-dawl tal-imħabba, murija fil-misteru tas-Salib ta' Kristu, li kull ministeru fi ħdan il-Knisja għandu jsib iċ-ċentru u l-milja tiegħu waqt li jingħax bħala servizz u qadi għall-oħrajn.

Il-komunitajiet kollha huma mħeġġa sabiex matul dawn il-ġimgħat isir mument ta' talb kemm fil-parroċċi u kemm fil-familji għal dawn ħutna, ħalli filwaqt li nweżnuhom u ngħinuhom bit-talb u l-għajnuna tagħna, il-Mulej Ġesù – li beda din l-opra tajba fihom – iwassalha sat-tmiem skont ix-xewqa tiegħu.